For Diversity
Against Discrimination

# Ritratt perfett

## Ġew imħabbra r-Rebbieħa tal-Kompetizzjoni ta' l-Unjoni Ewropea tar-Ritratti "Inkissru l-Istereotipi"

Brussell, 18 Ottubru 2007

**Student Pollakk tal-fotografija ntgħażel minn iżjed minn 600 student minn madwar l-UE kollha, bħala r-rebbieħ tal-premju ta' l-Unjoni Ewropea tal-Kompetizzjoni tar-Ritratti, *Inkissru l-Istereotipi.***

Krzysztof Goluch, mill-Istitut rinomat tar-Repubblika Ċeka tal-Fotografija Kreattiva mill-Università Sileżjana f'Opava, impressjona lill-aġġudikanti bir-ritratt ta' raġel qed jixjieħ f'siġġu tar-roti faċċata ta' taraġ, metafora li ġġagħlek taħseb fuq il-ħafna barrieri u forom ta' diskriminazzjoni li n-nies jiffaċċjaw fil-ħajja ta' kuljum.

Esibizzjoni ta' l-aħjar ritratti issa qed iddur l-Ewropa. Tnediet din il-ġimgħa fi Brussell, fejn ir-ritratti huma murija għall-pubbliku f'wirja quddiem il-kwartieri Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea.

Il-Kompetizzjoni Ewropea tar-Ritratti favur id-Diversità tnediet f'Marzu 2007, taħt il-kampanja ta' l-informazzjoni li ddum ħames snin: Ngħożżu d-Diversità. Diskriminazzjoni Qatt." u bħala parti mis-Sena Ewropea 2007 għall-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd. L-għan ta' dan il-kuntest kien biex joħloq għarfien fost l-istudenti dwar kif id-diversità tista' tgħin is-soċjetà tagħna. Kien ukoll ċans għall-UE biex tisma' l-opinjonijiet ta' l-istudenti u kif jaraw id-diskriminazzjoni mill-perspettiva tagħhom.

Ġurija internazzjonali ta' fotografi, professuri u esperti kontra d-diskriminazzjoni għażlet it-tliet rebbieħa tal-premji. Waqt li spjegat l-għażla tagħha, il-ġurija għamlet dawn il-kummenti: "*Ma' l-ewwel daqqa t'għajn ir-ritratt rebbieħ iqajjem sens kbir ta' solitudni u ta' raġel li ma jista' jagħmel xejn. Hija din is-sensittività u s-sens ta' vojt li jiġbed lil dak li qed iħares lejn ir-ritratt. It-tpinġija ta' l-aspetti tad-diskriminazzjoni bħall-età u d-diżabilità, għandha effett dejjiemi fuq livell viżwali u emozzjonali. Tippromwovi r-riflessjoni, u tinkoraġġixxi lil dawk li jħarsu lejh biex jitkellmu fil-beraħ u jirreżistu d-diskriminazzjoni.*"

Nora Krauss, studenta Ġermaniża fil-Berliner Technische Kunstschule, ħadet it-tieni premju, b'teknika impressiva tal-fotografija u approċċ liberu ta' l-interpretazzjoni lejn id-diversità. Ir-ritratt tagħha juri żagħżugħ bil-wieqfa, bla espressjoni fuq taraġ iffullat, b'ħarsa diretta lejn l-ispettatur waqt li huwa mdawwar bil-massa f'belt diversa u mgħaġġla.

Maja Kurant, studenta Pollakka wkoll li ħadet it-tielet premju mill-Università ta' Gdansk, ħolqot mużajk ta' 44 kwadru ugwali fid-daqs li jirrappreżentaw 44 individwu minn 44 pajjiż, kull wieħed bil-kelma "divers" miktuba fuq parti differenti ta' ġismu/ġisimha.

Il-kompetizzjoni kienet miftuħa għall-istudenti tas-snajja' ta' l-arti, tad-disinn grafiku u tal-komunikazzjoni, komunikazzjoni viżwali, tad-disinn tal-midja u dixxiplini oħra relatati. L-għan kien li jissottomettu xogħol li jiġbor fih l-essenza tad-diversità u seta' kien sottomess minn individwi kif ukoll magħmul bħala parti minn tim.

Premju ta' flus ta' 9000 Ewro se jkunu mqassma bejn it-tlett rebbieħa tal-premji, b'kontribuzzjoni tmur lejn l-iskola tar-rebbieħ ta' l-ewwel premju – biex tinkoraġġixxi studenti sabiex jieħdu sehem f'kompetizzjonijiet simili.

*Is-Sena Ewropea 2007 għall-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd tfittex li tagħmel in-nies ta' l-Unjoni Ewropea aktar konxji tad-drittijiet tagħhom għat-trattament ugwali u għall-ħajja libera mid-diskriminazzjoni. Dawn huma tnejn mill-prinċipji bażiċi li ssostni l-UE. Is-Sena se tniedi wkoll dibattitu ta' mportanza kbira fuq il-benefiċċji tad-diversità kemm għas-soċjetajiet Ewropej kif ukoll għall-individwi.*

*L-attivitajiet li saru matul is-Sena bi ħsiebhom jirrimedjaw id-diskriminazzjoni li minnha xi individwi jbatu minħabba l-ġens tagħhom, l-oriġini etnika jew razzjali, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew ix-xeħta sesswali. Dawn huma raġunijiet għad-diskriminazzjoni li jistgħu jiġu ndirizzati f'livell Ewropew.*

Biex tara r-ritratti rebbieħa u għal iżjed tagħrif fuq il-kampanja "Ngħożżu d-Diversità. Diskriminazzjoni Qatt" u s-Sena Ewropea 2007 għall-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd, jekk jogħġbok żur il-websajt:
www.stop-discrimination.info
http:// equality2007.europa.eu

Kuntatt ta' l-Istampa: Sarah Coppens
MEDIA CONSULTA International Holding AG
Wassergasse 3
10179 Berlin
Germany
Tel: +49 30 65 000 358
s.coppens@media-consulta.com